MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 81/2010

**Dalton Reefer's Limited (C-31942)**
**vs**
**Raymond Abdilla**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghal kundanna tal-konvenut ghas-somma ta' tmien mija, hamsa u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€855.22) rapprezentanti bilanc dovut minnu lis-socjeta' attrici ghas-servizzi ta' trasport u ta' 'refrigeration maintenance' provduti lill-konvenut fil-perjodu bejn Jannar u Awissu, 2005, liema servizz baqa' ma thallasx.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel pagament ghas-servizzi provduti mis-socjeta' attrici izda dan baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob umilment lit-Tribunal sabiex jordna lill-konvenut ihallas l-ammont dovut hawn fuq imsemmi favur is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u imghaxijiet skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva li preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni lok, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici gie pacut bi ftehim bejn il-partijiet ma' ammont akbar dovut mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tal-1 t'Ottubru, 2010 il-konvenut eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artiklu 2148(a) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Brian Dalton u Raymond Abdilla.

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta primarjament dwar hlas ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut fis-sena 2005 u fis-sena 2008. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f'riparazzjonijiet ta' *refrigerated containers*. Illi skont fatturi ezebiti a fol. 15 ( Dok BD1), a fol. 17 (Dok BD2), a fol. 19 (Dok BD3), a fol. 21 (Dok BD4) u a fol. 24 (Dok BD4), il-fatturi kollha pprezentati in atti jammontaw komplessivament ghal tliet mija, hamsa u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€365.86). Illi fl-i*statement* ezebit jirrizulta kont ta' erba' mija, sitta u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€486.36), izda ma gietx ipprezentata fattura in sostenn ta' dak l-ammont jew xi deskrizzjoni tas-servizzi moghtija lill-konvenut.

Illi l-konvenut primarjament eccepixxa li l-azzjoni hija preskritta bl-gheluq ta' hames snin, ai termini tal-artiklu 2156 u fil-mori tal-kawza eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2148 (a) b'gheluq ta' tmintax-il xahar.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-servizzi ta' riparazzjoni ta' '*refrigerated containers'* moghtija mis-socjeta' attrici huma servizzi li l-azzjoni taghhom jaqghu bi preskrizzjoni ta' tmintax-il xahaar ai termini tal-artiklu 2148(a) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-artiklu 2156 ta' l-istess kapitlu16. Izda minkejja l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenut, minkejja li l-fatturi datati 2005 ghandhom jitqiesu preskritti taht l-istess artiklu 2148(a) tal-kapitlu 16, it-Tribunal sema' lill-konvenut jammetti taht gurament illi huwa minnu li l-ammont mitlub kien dovut izda bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' tpaccija fuq xi xoghol iehor maghmul mill-konvenut ghas-socjeta' attrici u ghalhekk huwa m'ghandu jaghtih xejn. It-Tribunal huwa tal-fehma li b'ammissjoni stess tal-konvenut li l-ammont kien dovut, il-konvenut interrompa l-preskrizzjoni dekorribbli ghas-servizzi moghtija lilu. Illi l-intenzjoni tal-konvenut kien li jindika li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' tpaccija, tant illi l-konvenut ghandu jigbor mis-socjeta' attrici s-somma t' erba' t'elef u sitta u erbghin ewro (€4,046) sal-24 ta' Gunju, 2010 ghal garr ta' '*container'* appartenenti lis-socjeta' attrici li kien hallas huwa. Izda ghalkemm it- Tribunal ghandu jibbaza d-decizjonijiet tieghu fuq l-ekwita' ma jistghax jinjora l-parametri tal-ligi meta jasal ghal konkluzzjonijiet tieghu. Illi fil-kaz in ezami, meta l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni fir-risposta tieghu, huwa kellu jieqaf hemm jew kif huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, kellu jissolleva eccezjonijiet ulterjuri minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi hija l-fehma legali tat-Tribunal li l-azzjoni tal-preskrizzjoni giet interotta meta l-konvenut ammetta d-debitu, fix-xhieda tieghu, kif ukoll bil-mod kif saret ir-risposta. Ghaldaqstant, wara li sema' u evalwa l-provi dwar il-preskrizzjoni, t-Tribunal ma jistghax jakkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz u ghalhekk ser jghaddi sabiex jiddeciedi l-kaz fil-mertu.

Illi mill-provi jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim. Inghad li s-socjeta’ attrici kienet xtrat zewg ‘*reefer containers’* minn barra u minflok illi dawn il-‘*containers’* kienu ha jaslu Malta vojta, il-konvenut kien imlihom biz-zerriegha tal-patata u l-konvenut jhallas ghal garr taghhom. Illi kienu ukoll ftehmu lis-socjeta’ attrici kellha thalli dawn il-‘*conatiners’* ghall-uzu tal-konvenut tant illi baqghu fid-depozitu f’Ta’ Qali. Illi meta s-socjeta’ attrici fl-2006 hadet lura il-*containers* minn Ta’ Qali, l-konvenut kien talbu s-somma ta’ disa’ mitt Liri Maltin (LM900), ta’ dak iz-zmien, ghal garr ta’ ‘*containers’*. Illi minn zmien ghal zmien kien hemm ukoll ftehim illi s-socjeta’ attrici tirrepara ‘*refrigerated containers’* ghall-konvenut, dejjem bi tpacija bejniethom. Izda rrizulta li dan il-ftehim ma kienx irnexxa fl-2006 u finalment is-socjeta’ attrici riedet tithallas ghas-servizzi rezi lill-konvenut u min-naha tal-konvenut huwa ried jithallas tal-garr tal-*containers*. Illi ghalhekk intqal mill-konvenut meta xehed illi originarjament huma kienu ftehmu li l-ammonti dovuti bejniethom kienu gew pacuti meta huwa kien hallas ghal garr ta’ dawn il-‘*containers’*. It-Tribunal ra in sostenn ta’ dan, il-konvenut kien ipprezenta ‘*statement’* u mhux kopja ta’ fattura datata 10 ta’ Gunju, 2010 u cioe’ fil-mori tal-kawza ghal garr ta’ ‘*containers’* li sar xi zmien qabel. Illi l-‘*freight charges’* kienu fl-ammont ta’ tliet elef, tmien mija u sitta u erbghin ewro (€3,846). Illi dan l-‘*istatement’* flimkien max-xhieda tieghu kienu l-unici provi migjuba mill-konvenut in sostenn tat-tpaccija sollevata mill-konvenut,

It-Tribunal ra li s-socjeta’ attrici ma pprezentatx fattura ghas-somma mitluba ta’ erba’ mija, sitta u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€486.36) datata 1 ta’ Jannar, 2008, izda ra li gew ezebiti fatturi mahruga fil-2005 fil-konfront tal-konvenut fis-somma komplessiva ta’ tliet mija, hamsa u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€365.86). Izda t-Tribunal, mhuwiex konvint mill-awtenticita’ ta’ dawn il-fatturi kif ezebiti mis-socjeta’ attrici. Illi t-Tribunal ra li dawn il-fatturi gew mahruga fis-sena 2005 u gew mahruga bl-Ewro u sa dak iz-zmien Malta ma kienetx fil-Eurozone u ghaldaqstant, il-fatturi kellhom jinhargu b’Liri Maltin.

It-Tribunal ra ukoll illi meta l-fatturi ezebiti bhala ‘DOK BD1’, ‘DOK BD2’, ‘DOK BD3’, ‘DOK BD4’ u ‘DOK BD6’ jinghaddu, komplessivament jammontaw ghal tliet mija, hamsa u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€365.86). Illi in rejalta’ kieku dak l-ammont kellu jkun b’Liri Maltin fis-somma ta’ tliet mija, hamsa u sittin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (LM365.86) koincidentalment meta l-ammont jigi konvertit fil-munita Ewro s-somma tirrizulta fl-ammont ta’ tmien mija, tnejn u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€852.22) u cioe’ s-somma fit-talba. Is-socjeta’ attrici ziedet ukoll is-somma ta erba’ mija sitta u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€486.36) fl-‘i*statement’* immarkat bhala ‘DOK BD5’, somma li zgur hija fittizja sabiex l-‘i*statement’* jasal ghal figura tat-talba.

Inkonkluzzjoni, t-Tribunal ghandu dubbji serji dwar l-awtenticita’ tal-fatturi ezebiti mis-socjeta’ attrici u konsegwentement ghandu wkoll dubji serji dwar l-awtenticita’ ta’ dan id-debitu.

Illi in vista tal-provi li ghandu quddiemu, t-Tribunal ma setghax jakkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda lanqas ma jista’ jakkolji t-talba attrici fil-mertu.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------